MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Numru 1256/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**VS**
**GARY MANWELL CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gary Manwell Camilleri ta’ 40 sena, iben Emanwell George u Lesley Beatrice nee’ Hadson, imwieled fil-25 ta’ Ottubru 1970, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 0189687(M) u residenti Farmhouse, Il-Karwija, Limiti ta’ Safi.SFI 1710

Illi huwa akkuzat talli fit-24 ta’ Novembru 2010 minn Triq San George Preca f’tal-Pieta’ ghal habta tas-06.00hrs ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Peugeot 307 bin-numru ta’ registrazzjoni GBI 914 ghad-dannu tal-Kumpanija Ray Vella, liema serq huwa kkwalifikat, bil-hin,

bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 261(b), (c), (f) u (g), 263 (a), 267, 270, 271 (g) u 279 (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe’ fuq vettura tal-marka Peugeot 307 ghad-dannu tal-Kumpanija Raymond Vella u fuq vettura ohra ta’ l-ghamla mhux maghrufa;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f’dawn il-gzejjer saq vettura b’numru tar-registrazzjoni GBI914, b’manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 15(1) (a) (2), tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija tissospendi lil Gary Manwell Camilleri milli jzomm kwalunkwe xorta ta’ licenzja tas-sewqan;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn numru ta’ identifikazzjoni xort’ohra minn dak moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar xi vettura bil-mutur partikolari bi ksur ta’ l-Artikolu 15 (1) A tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f’dawn il-gzejjer saq vettura b’numru tar-registrazzjoni LAC 169, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-trasport ta’ Malta u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer ma kienx kopert b’polza ta’ sigurta dwar terzi persuni, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmi persuna jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta’ mhux anqas minn 11-il xahar;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta' *motor-car'* li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15A (1) tal-Kapitolu 65 emendat bl-Att Nru.VI ta' l-1998;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:
Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Gary Manwell Camilleri**, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 261(b) (c) (f) u (g), 263(a), 267, 270, 271(g), 279(b), 325, 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta Artikoli 15(1)(2)(3), 15(1)A tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin.**

In oltre', tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni ghal perijodu ta' tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Di piu', tordna hrug ta' Treatment Order kontra l-imputat, b'dana li l-imputat ghandu jibda' u jikkompleta programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan l-istituzzjonijiet addetti mas-Sedqa.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali nadifa netta ta’ l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------